MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Numru 464/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**vs**
**Olvin Mangion**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Olvin Mangion iben Leonard u Rose’ nee` Schembri imwieled tas-Sliema fit-23 ta` Lulju, 1958 u residenti f`Seville, Triq Birkirkara, Kappara u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 473058 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

F`Settembru 2006, u fix-xhur ta` qabel, f`dawn il-Gzejjer, l-imputat personalment jew fil-kapacita` tieghu ta` direttur ta` l-istabilimenti Pool & Spa Supplies Limited:-

a) B`mezzi kontra l-ligi jew billi l-imputat ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi l-imputat wera haga b`ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b`qerq ta` aktar minn elf lira Maltin ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta; (Dan bi ksur ta` l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

b) Fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, l-imputat ghamel falsifikazzjoni f`att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b`falsifikazzjoni jew b`tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` invoices kummercjali, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f`dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; (Dan bi ksur ta` l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

c) Fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, l-imputat iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta dawn kienu ipprezentati wiehed jista` jircievi bihom hlas, jew kien jiehu l-kunsinna ta` oggetti, jew kien jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b`xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentament l-imputat ghamel uzu minnhom; (Dan bi ksur ta` l-Artikoli 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

d) Fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex l-imputat kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f`xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz; (Dan bi ksur ta` l-Artikoli 18, u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, l-imputat Olvin Mangion f`ismu proprju, kif ukoll fil-kapacita` tieghu ta` Direttur ta` Pool & Spa Supplies Limited, gie akkuzat ukoll illi:-

a) Fl-4 ta` Settembru, 2006, xjentement l-imputat ghamel u / jew ippermetta li ssir dikjarazzjoni falza, f`dak li jirrigwardja valuri reali, lid-Dipartiment tad-Dwana b`dokument *Import Declaration Information – TDID2006600460533*.

b) Fil-5 u s-7 ta` Settembru, 2006, issottometta u / jew ippermetta li jigu sottomessi lid-Dwana, id-dikjarazzjoni falza fuq imsemmija kif ukoll *commercial invoice* bin-numru YH2006 279 datat July 31, 2006, li ukoll kien falz f`dak li jirrigwardja valuri reali.

c) Iz-zewg dokumenti fuq imsemmija kienu jirreferu ghall-valur ta` *USD17,500.00;* liema valur hu anqas minn dak originali.

d) Il-valur li kien dikjarat fuq il-merkanzija in kwistjoni kien ta` Lm 5,873 u dazju ta` Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) iddikjarati u mhallsa kienu ta` Lm 323 u Lm 1,115 rispettivament; meta fil-fatt il-valur, Dazju ta` Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) reali kellhom ikunu Lm 12,082 u Lm 664 u Lm 2,294 rispettivament.

e) Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f`Malta fit-3 ta` Settembru, 2006 kienet giet maqbuda bin-Nota ta` Qbid 20/07.

b) B`hekk bil-hsieb li l-imputat jiffroda lill-Gvern ta` Malta, l-imputat xjentement kellu b`xi mod x`jaqsam billi bil-qerq biex jinharab id-Dazju ta` l-Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienu jammontaw ghal Lm 341 u Lm 1,179 rispettivament dovuti lill-Gvern ta` Malta; (Dan bi ksur ta` l-Artikoli 18, 60 (a) (k), 62 (b) (g) (i) (k) (m) tal-Kap. 37 u l-Artiklu 18 A tal-Kap. 337 tal-Ligijiet ta` Malta).

Fuq talba tal-Kummissarju tal-Value Added Tax, l-imputat Olvin Mangion f`ismu proprju, kif ukoll fil-kapacita` tieghu ta` Direttur ta` Pool & Spa Supplies Limited, kien akkuzat ukoll talli:-

a) Fl-4 ta` Settembru, 2006, xjentement l-imputat ghamel u / jew ippermetta li ssir dikjarazzjoni falza, f`dak li jirrigwardja valuri reali, lid-Dipartiment tad-Dwana b`document *Import Declaration Information – TDID2006600460533*.

b) Fil-5 u fis-7 ta` Settembru, 2006, issottometta u / jew ippermetta li jigu sottomessi lid-Dwana; id-dikjarazzjoni falza fuq imsemmija kif ukoll *commercial invoice* bin-numru YH2006 279 datat July 31, 2006, li ukoll kien falz f`dak li jirrigwarda valuri reali.

c) Iz-zewg dokumenti fuq imsemmija kienu jirreferu ghall-valur ta` *USD17,500.00;* liema valur hu anqas minn dak originali.

d) Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija in kwistjoni kien ta` Lm 5,873 u dazju ta` Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) iddikjarati u mhallsa kienu ta` Lm 323 u Lm 1,115 rispettivament; meta fil-fatt il-valur, Dazju ta` l-Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) reali kellhom ikunu Lm 12,082 u Lm 664 u Lm 2,294 rispettivament.

e) Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f`Malta fit-3 ta` Settembru, 2006 giet maqbuda bin-Nota ta` Qbid 20/07.

f) B`hekk bil-hsieb li l-imputat jiffrod lill-Gvern ta` Malta, l-imputat xjentement kellu b`xi mod x`jaqsam billi bil-qerq biex jinharab id-Dazju ta` l-Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienu jammontaw ghal Lm 341 u Lm 1,179 rispettivament dovuti lill-Gvern ta` Malta; (Dan bi ksur ta` l-Artikolu 80 ta` l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta` l-1998) tal-Ligijiet ta` Malta).

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta` l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f`kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta` spejjes li kellhom x`jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 553 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2007, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfronti tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 390(1) u 390(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u huwa inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imptat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi netta (esebita *a folio* 27 tal-process) u l-fatt li l-imputat ikkopera mal-ewwel u bis-shih mal-Prosekuzzjoni fil-kors tal-investigazzjonijiet kif jirizulta mill-istqarrija esebita *a folio* 15 sa 17 tal-process. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar cans sabiex jiriforma ruhu u mhux ser tigi imposta piena ta' prigunerija effettiva.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 308, 309, 310, 183, 184, 188, 167, u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 18, 60(a), (k), 62(b) (g) (i) (k) (m) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 18A tal-Kap. 337 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 80 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat Olvin Mangion hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn millum u tikkundannah multa ta' tmint elef, disgha mija u tmien liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm8,908.10) b'dan illi skond dak li jiddisponi l-Artikolu 18 tal-Kap. 37 is-somma ta' sitt mija u erbgha u sittin lira (LM 664.00) (terz tas-somma ta' elf disgha mija u tnejn u disghajn lira maltin (Lm1, 992.00) ghandha tkun pagabbli lil Kontrollur tad-Dwana u skond dak li jiddisponi l-Artikolu 80 tal-Kap. 406 is-somma ta' elfejn u mitejn u erbgha u disghajn lira (LM 2,294.00) (terz tal-ammont ta sitt elef tmien mija u tnejn u tmenin lira (Lm6,882.00) ghandha tkun pagabbli lil Kummissarju tat-Taxxa Dwar il-Valur Mizjud. B'applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta l-imsemmija multa tista' tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn u sebgha u erbghajn lira Maltin u hamsa u erbghajn centezmu (Lm 247.45) b'dan illi l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2007, b'dan ukoll li jekk l-imputat jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri (Lm5.00) dovuta.

Il-Qorti inoltre tordna l-kkonfiska tal-merkanzija in kwisitjoni u cioe' dik importata f'Malta mis-socjeta' Pool & Spa Supplies Limited fit-3 ta' Settembru 2006 u li giet maqbuda bin-nota ta' Qbid 20/07.

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-proceditment jintbaghtu lil Avukat Genrali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------